

2) EDF Toruń S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 68, 22.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2017 – Alfonso Egüed vs EUIPO – Jackson Family Farms (BYRON)

(Kawża T-45/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Talba għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva BYRON — Trade mark preċedenti mhux irreġistrata BYRON — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Sistema tal-azzjoni tal-‘common law’ kontra l-abbuż tad-denominazzjoni (action for passing off) — ‘Goodwill’ — Prova tal-kisba u tal-permanenza tad-dritt preċedenti”)

(2017/C 283/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Nelson Alfonso Egüed (Madrid, Spanja) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Ivanauskas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Jackson Family Farms LLC (Santa Rosa, California, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Novembru 2015 (Każ R 822/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Jackson Family Farms u N. Alfonso Egüed.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Nelson Alfonso Egüed huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 111, 29.3.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2017 – Chanel vs EUIPO – Jing Zhou u Golden Rose 999 (Ornament)

(Kawża T-57/16) ⁽¹⁾

[“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta ornament — Disinn preċedenti — Raġuni għal invalidità — Assenza ta’ karattru individwali — Prodott inkwistjoni — Grad ta’ libertà tal-kreatur — Assenza ta’ impressjoni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”]

(2017/C 283/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Chanel SAS (Neuilly-sur-Seine, Franza) (rappreżentant: C. Sueiras Villalobos, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Li Jing Zhou (Fuenlabrada, Spanja) u Golden Rose 999 Srl (Ruma, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-18 ta' Novembru 2015 (Każ R 2346/2014-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn, minn naħa, Chanel u, min-naħa l-oħra, Li Jing Zhou u Golden Rose 999.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tat-18 ta' Novembru 2015 (Każ R 2346/2014-3), hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 118, 4.4.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2017 – Savant Systems vs EUIPO – Savant Group (SAVANT)

(Kawża T-110/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali SAVANT — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2017/C 283/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Savant Systems LLC (Osterville, Massachusetts, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: O. Nilgen u A. Kockläuner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Lukošiuė, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Savant Group Ltd (Burton in Kendal, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: G. Hollingworth, barrister, K. Gilbert u G. Lodge, solicitors)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2016 (Każ R 33/2015-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Savant Systems u Savant Group.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huma miċħud.*
- 2) *Savant Systems LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 175, 17.5.2016.